

**Brussell, 18 ta' Settembru 2018
(OR. en)**

12238/18

**FIN 676
INST 329
PE-L 41**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12031/18
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 20/2018 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2018

1. Fl-10 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 20/2018.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet mhux differenzjati li jammontaw għal total ta' EUR 27 miljun mill-Partita XX 01 01 01 01 (*Remunerazzjoni u gratifiki*) għall-Partiti XX 01 03 01 03 (*Apparat tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni*) (EUR 13.6 miljun), XX 01 03 01 04 (*Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni*) (EUR 5.51 miljun), 03 01 02 11 (*Nefqa maniġerjali oħra - qasam ta' politika "Kompetizzjoni"*) (EUR 410 000), 12 01 02 11 (*Nefqa maniġerjali oħra - qasam ta' politika "Stabilità finanzjarja, servizzi finanzjarji u unjoni tas-swieq kapitali"*) (EUR 270 000), għall-Partita 15 01 02 11 (*Nefqa maniġerjali oħra - qasam ta' politika "Edukazzjoni u kultura"*) (EUR 105 000), 25 01 02 11 (*Nefqa maniġerjali oħra - qasam ta' politika "Koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u konsulenza ġuridika"*) (EUR 899 000), 26 01 02 11 (*Nefqa maniġerjali oħra - qasam ta' politika "Amministrazzjoni tal-Kummissjoni"*) (EUR 3.906 miljun) u 27 01 02 11 (*Nefqa maniġerjali oħra - qasam ta' politika "Baġit"*) (EUR 2.3 miljun). L-approprjazzjonijiet ta' daww il-linji baġitarji huma trasferiti fil-Kapitoli minn 01 01 sa 09 01, minn 11 01 sa 23 01, minn 25 01 sa 29 01, u minn 31 01 sa 34 01, kif jidher fid-dokument 12031/18 FIN 618.

2. L-għan ta' dan it-trasferiment hu l-aktar biex jirrinforza l-baġit għat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, speċjalment it-teknoloġija meħtieġa għas-sigurtà u l-infrastruttura tal-IT, kif ukoll biex jitkompla l-iżvilupp tal-Programm għal Post tax-Xogħol Diġitali (DWP) u tas-sistemi korporattivi ewlenin (eż. is-sistemi tal-kontabbiltà, l-akkwist u tal-HR).
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Settembru 2018.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal dak il-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill
lil : President tal-Kummissjoni
kopja : President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 27(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ottubru 2012¹, nixtieq ngħarrfek li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 20/2018 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2018.

(Formula ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).